



Brussell, 7 ta' Ottubru 2025  
(OR. en)

12814/25  
ADD 1

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2025/0275(NLE)

---

AELE 86  
ISL 48  
N 74  
FL 53  
MI 651

#### ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett: Abbozz ta' DEċiżjoni tal-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE li temenda l-Anness X (Servizzi b'mod ġenerali), l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjobiżivi u soċjetà tal-informazzjoni) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE

---

ABBOZZ

**DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru ...**

**ta' ...**

**li temenda l-Anness X (Servizzi b'mod ġeneral),**

**l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni)**

**u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101)**

**tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data)<sup>1</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1622 tad-9 ta' Awwissu 2023 dwar id-disinn ta' logos komuni li jidtegħi lill-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni tad-data u l-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu tad-data rikonoxxuti fl-Unjoni<sup>2</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Il-partijiet Kontraenti jirrikonoxxu li t-tikketti “fornitur ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data rikonoxxut fl-Unjoni” u “fornitur ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data rikonoxxut fiż-ŻEE” jistgħu jintużaw b’mod interkambjabbli, bl-istess drittijiet u obbligi assoċċjati mal-użu.
- (4) Il-partijiet Kontraenti jirrikonoxxu li t-tikketti “organizzazzjoni tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuta fl-Unjoni” u “organizzazzjoni tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuta fiż-ŻEE” jistgħu jintużaw b’mod interkambjabbli, bl-istess drittijiet u obbligi assoċċjati mal-użu.

---

<sup>1</sup> ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/868/oj>.

<sup>2</sup> ĠU L 200, 10.8.2023, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2023/1622/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1622/oj).

- (5) Il-partijiet Kontraenti jirrikonoxxu wkoll li l-logos komuni stabbiliti fir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2023/1622 għandhom ikunu l-istess għall-Partijiet Kontraenti kollha. Ir-referenza għal "Rikonoxxut mill-UE" fil-logos għandha għalhekk tinfiehem bħala "Rikonoxxut miż-ŻEE".
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi X u XI u l-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

## *Artikolu 1*

Dan li ġej jiżdied fil-punt 5 (ir-Regolament (KE) Nru 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness X tal-Ftehim ŻEE:

“, kif emendat bi:

- - **32022 R 0868:** ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2022 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1).”

## *Artikolu 2*

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 5k (id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“5ka. **32022 R 0868:** Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data) (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1).

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jinfieħmu skont kif adattati hawn taħt:

(a) Ir-referenzi għad-dritt tal-Unjoni għandhom jinfieħmu bħala referenzi għall-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(b) Fl-Artikolu 11, jiżdied il-paragrafu li ġej wara l-paragrafu 9:

“9a. Fir-rigward ta’ xi entità rreġistrata fir-reġistru pubbliku nazzjonali ta’ forniture rikonoxxuti ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data ta’ Stat tal-EFTA, l-entità tista’ tuża t-tikketta ‘fornitur ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data rikonoxxut fiż-ŻEE.”

- (c) Fl-Artikolu 17, jiżdied il-paragrafu li ġej wara l-paragrafu 2:
- “2a. Fir-rigward ta’ xi entità rreġistrata fir-reġistru pubbliku nazzjonali ta’ organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data ta’ xi Stat tal-EFTA, l-entità tista’ tuża t-tikketta ‘organizzazzjoni tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuta fiż-ŻEE’.”
- (d) Fl-Artikolu 24(5) il-kliem “, jew ‘organizzazzjoni tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuta fiż-ŻEE’, skont il-każ,” għandhom jiddaħħlu wara l-kliem “‘organizzazzjoni tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuta fl-Unjoni”.
- (e) Fl-Artikolu 29(1) għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:
- “L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fil-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data, ħlief għad-dritt tal-vot.”

5kaa. **32023 R 1622**: Ir-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1622 tad-9 ta’ Awwissu 2023 dwar id-disinn ta’ logos komuni li jidentifikaw lill-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni tad-data u l-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu tad-data rikonoxxuti fl-Unjoni (ĠU L 200, 10.8.2023, p. 1).”

### *Artikolu 3*

Il-punt li ġej jiżdied fil-Protokoll 37 tal-Ftehim taż-ŻEE:

“49. Il-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data (ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).”

#### *Artikolu 4*

It-testi tar-Regolament (UE) 2022/868 u tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2023/1622 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

#### *Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħħ fī..., dment li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE\*, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunitat Konġunt taż-ŻEE Nru 333/2022 tad-9 ta' Diċembru 2022<sup>3</sup>, skont liema data tkun l-iżjed tard.

---

\* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]  
3 ĠU L 164, 29.6.2023, p. 75, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1275/oj>.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċċali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Is-Segretarji*

*Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

---